MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2012

Numru. 1288/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nezren Grixti)**

**vs**

**HAMMA MAHMOUD ISMEAL**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputata **HAMMA MAHMOUD ISMEAL,** ta’ 22 sena, Nazzjonalita’ minn gewwa s-Somalja, bint Mahmoud Ismeal u Sofia, imwielda gewwa Somalia nhar l-1 ta’ Jannar 1990, residenti gewwa Hal Far tent village, u detentrici tal-Police Number 12L-029 giet imressqa quddiemha u akkuzata talli:

F’5 ta’ Dicembru 2012 u dati ta’ qabel f’Malta, ghamlet uzu jew attentat taghmel uzu minn passaport jew dokumenti ohra ta’ l-ivjaggar mahrug lil persuna ohra.

Kif ukoll talli taht l-istess cirkostanzi, f’Malta, tghid jew thalliet li jinghata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza, jew taghrif ta’ fatti foloz lill-Ufficjal tal-Immigrazzjoni.

Il-Qorti giet  mitluba mill-Prosekuzzjoni sabiex dan il-kaz jigi nvestigat skond il-Ligi.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u cioe’ statement ta’ l-imputata li giet immarkata bhala Dok CSH, dokument mahrug mis-Special Branch li gie mmarkat bhala dokument CSH1, fedina penali mmarkata bhala Dok CSH2, kunsens ta’ l-Avukat Generali mmarkat bhala Dok CSH3 sabiex din il-kawza titmexxa b’mod sommarju, kopja tad-dokument li ghamlet uzu minnu l-imputata li giet immarkata Dok CSH4 u kopja tal-biljett ta’ l-ajru li giet immarkata Dok CSH5.

Rat illi fl-ezami li sar lill-imputata, l-imputata ddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kawza taghha tinstema’ b’mod sommarju.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata kif registrata waqt is-seduta tal-hamsa (5) ta’ Dicembru 2012 u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibha hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghha mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputata b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq biex jekk riedet, setat regghat lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni taghha giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tal-hamsa (5) ta’ Dicembru 2012.

Rat illi l-imputata skuzat ruhha ta’ l-akkadut.

Rat illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat li l-imputata kkoperat bi shih maghha tul l-investigazzjoni u li ma tiffurmax parti minn cirku nternazzjonali ta’ immigrazzjoni llegali.

**Illi ghalhekk fic-cirkostanzi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 4 tal-Kapitolu 61, u l-Artikolu 32 (1c) tal-Kapitolu 217, tal-Ligijiet ta' Malta tiddeciedi li issib lill-imputata HAMMA MAHMOUD ISMEAL hatja tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront taghha u tikkundannaha sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------